Isimgħu issa kif igħanniha l-poëta Gio. Antonio Vassallo :

## IS-SULTAN LA VALETTE LILL-BELT VALLETTA

(POEŻIJA)

Belt ta' qalbi, binti l-ħelwa,
  Jien minn qabri qomt narak,
  Tagħ'rfu xejn lill-missier tiegħek
  Li rabbiek u l-barka tak ?

Għaliex ġebla fik ma nara
  Illi xxebbah il-wiċċ tiegħi ?
  Fi kburitek għax insejtni ?
  X'kont tkun int li ma kienx driegħi ?

Jien għalik (u tafu d-dinja)
  Jiena kont l-akbar Sultan,
  Jien għollejtek fuq bliet oħra,
  Jien libbistek il-ħitan.

...............................................

Għal kemm ħdimt għalik, ja Binti,
  Għal kemm kienet ħelwa l-ħkima,
  Jien jidhirli li ma għandha
  Tonqos fik għalija l-qima.

F'bosta wħud, ja Binti, tfakkar
  Ma' dwar swarek lill-barrani,
  M'ekk irid jara l-wiċċ tiegħi
  Fejn tibagħtu biex jarani ?

Tajtek ġidi, tajtek għarqi,
  Tajtek demmi w-kull ma fija ?
  Biss nitolbok għal dan kollu
  Tal-wiċċ tiegħi xi turija.

B'liema saħħa u b'liema ħlewwa iqiegħdha ċ-ċanfira b'liema mħabba ifakkar lill-Maltin f'dak kollu li La Valette għamel għall-Belt ta' Malta biex jagħniha isebbaħha u jagħmilha qawwija li tkun tista' żżomm il barra l-egħdewwa tagħha u tar-Reliġjon ! u b'liem



tjieba u għaqal iwiddibhom u jwissihom li ma għandhomx iżidu jonqsu minn dan id-dmir ewlieni tagħhom !

Il-*proża* ta' fuq tista' ġġiegħlek taħseb u tara illi tas-sew kien għajb għall-Belt Valletta li għal medda twila ta' snin ma kienet ħasbet qatt biex tqiegħed ġo ħdanha xi xbieha tas-Sultan La Vallette, bħala tifkira u twissija lill-barranin li jiġu Malta : iżda l-*poëżija* ta' l-aħħar taħsdek, tmurlek dritt ġo qalbek, iġġiegħlek tħoss iċ-ċanfira qawwija daqs kemm hi ħelwa, iġġiegħlek tistħi minn dak li kien imissu sar u baqa' bla magħmul, u fil-waqt illi ġġiblek fawra ta' demm f'wiċċek, tqabbiżlek id-dmugħ minn għajnejk fuq l-imġiba minngħajr ħsieb u minngħajr għaqal ta' dawk li aħna konna nixtiequ bla ħtija u bla tebgħa.

(jissokta.)

**Dun Karm.**

## ĦSIBIJIET ŻGĦAR

### I.—IT-TALB

It-talb bħall-użin. Qiegħed pis ġo keffa, u itfa għabra tqiq ġo l-oħra. Il-miżien ma jitħarrekx. Itfa għabra oħra, u jarġa ma jitħarrekx, u hekk aktarx għal bosta drabi. Iżda fl-aħħar jasal ħin illi t-tqiq jagħleb u l-miżien jaqleb.

Hekk it-talb. Titlob darba u ma taqlax: titlob darb'oħra u targa ma taqlax, u hekk għandu mnejn għal bosta drabi oħra. Iżda fl-aħħar tiġi siegħa mita l-qawwa tat-talb tirbaħ, u l-grazzja tinżel.

**Dun Karm.**